**QORTI CIVILI**
**PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta’ Novembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru: 945/2013 AF**

**Tek-Moulds Precision Engineering Ltd**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**u**

**Asfaltar Limited (C 8313)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

1. Illi s-soċjeta` esponenti tiġestixxi kumpanija li timmanifattura forom għall-kumpaniji oħra lokali kif ukoll esteri.

2. Illi s-soċjeta` esponenti għamlet diversi investimenti ta’ eluf kbar ta’ ewro f’makkinarju u daħlet f’kuntratti sabiex tissuplixxi materjal lill-kumpaniji lokali u esteri.

3. Illi fis-6 ta' Lulju 2011, waqt li kienu qed isiru xogħlijiet mill-konvenuti jew min minnhom fit-triq quddiem il-fabbrika tas-soċjeta` esponenti, proprju b'B12 A, Bulebel Industrial Estate, Żejtun inkluż tħaffir bi trencher u bl-użu ta' gaffef u inġenji oħra, l-istess soċjeta` konvenuti jew min minnhom b'negliġenza u aġir inkoxxenti ikkawża ħsara f'cable li kien jissuplixxi bl-elettriku l-fabbrika tas-soċjeta` esponenti b'tali mod li dan iċċarrat u b'konsegwenza ta' dan inqata' l-elettriku fl-istess fabbrika u ntfew il-magni u inġenji li kienu qegħdin joperaw dak il-ħin fil-fabbrika.

4. Illi per konsegwenza ta' dan l-inċident irriżulta li kien hemm ħsara estensiva li ġiet ikkawżata fl-inġenji u makkinarju fejn minħabba f'hekk l-istess inġenji ma kienux iktar operattivi u l-fabbrika minħabba f'hekk ma setgħetx iktar topera għal perjodu ta' żmien.

5. Illi dan kollu ikkawża danni inġenti lis-soċjeta` esponenti oltre li kien hemm riperkuzzjonijiet fuq ir-reputazzjoni tajba tal-istess soċjeta` esponenti.

6. Illi s-soċjeta` esponenti soffriet spejjeż kbar minħabba ħsara fil-makkinarju u inġenji li ġew koperti mill-assigurattriċi tas-soċjeta` esponenti iżda sofriet danni f'telf kbir fil-produzzjoni, telf ta' pagi tal-ħaddiema u multi minn kumpaniji minħabba retard fil-konsenja tal-manifattura ai termini ta' kuntratti li kienet intrabtet li tosserva s-soċjeta` esponenti liema telf ppreġudika l-operat tas-soċjeta` esponenti.

Għaldaqstant, is-soċjeta` esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u għall-ħsarat sofferti mis-soċjeta` rikorrenti.

ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjeta` rikorrenti bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

iii. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex iħallsu lis-soċjeta` rikorrenti dak l-ammont li jiġi hekk likwidat u dikjarat lilha dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju (Nru. 438/2011) datat 20 ta' Ottubru 2011, tal-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji kollha, u bl-imgħax skont il-liġi, kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata Asfaltar Limited li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra s-soċjeta` esponenti għandha tiġi miċħuda stante li l-istess soċjeta` esponenti ma kinitx responsabbli għall-inċident de quo;

2. Illi hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għalkemm huwa minnu illi s-soċjeta` esponenti kienet qed teżegwixxi xogħlijiet fiż-żona tal-fabbrika operata mir-rikorrenti, liema xogħlijiet kienu jikkonsistu fil-bini mill-ġdid tat-toroq fiż-Żona Industrijali ta' Bulebel kif ukoll il-bini ta' *storm water culvert*, l-inċident in kwistjoni seħħ unikament bi ħtija tal-Korporazzjoni Enemalta illi naqset milli tindika l-*cable* li sussegwentement safa' milqut mill-istess soċjeta` esponenti hekk kif kienet obbligata tagħmel;

3. Illi għalhekk, is-soċjeta` esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi jsegwi għalhekk illi t-tieni talba tar-rikorrenti għandha wkoll tkun riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti;

5. Illi bl-istess mod, it-tielet talba tar-rikorrenti għandha tkun miċħuda billi s-soċjeta` esponenti m'għandhiex tkun kostretta tħallas ebda danni lir-rikorrenti;

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-Liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Korporazzjoni Enemalta permezz ta' liema ġie eċċepit: (fol. 20)

1. Illi preliminarjament, is-soċjeta` attriċi nieqsa mill-interess ġuridiku neċessarju biex taġixxi f'din il-kawża għaliex hija ġia` ġiet ikkompensata mill-assiguratriċi tagħha GasanMamo Insurance Limited għall-istess avvenimenti peress illi kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni (Claim number N111675) u sussegwentement ġia saret id-debita surroga fid-drittijiet tal-

assikurata tagħha liema kumpens kien ikopri l-istess incident u l-istess ħsarat allegatament sofferti mill-assikurata Tek Moulds Precision Engineering Limited. Dan il-kumpens huwa mertu tal-kawża Rikors Numru 286/2012/AF fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Tek Moulds Precision Engineering Limited skond il-Liġi u l-polza (Claim Numru 111675) vs Asfaltar Limited u b'digriet tal-21 ta' Mejju ġiet kjamata fil-kawża l-Korporazzjoni Enemalta* li qed tinstema' minn din il-Qorti diversament preseduta u differita għas-26 ta' Novembru 2013, fejn f'din il-kawża l-assikurazzjoni qegħda titlob li l-konvenuti jew min minnhom jiġu ddikjarati responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u qed titlob li din il-Qorti tillikwida l-kwantum tad-danni sofferti mill-assikurata fis-somma ta' €55,949.58 u tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom jħallsu l-istess somma (qed tiġi eżebita kopja tas-surroga mmarkata bħala Dok "KE1");

2. Illi preliminarjament u sussidjarjament għall-ewwel eċċezzjoni preliminari u mingħajr preġudizzju għall-istess, il-Korporazzjoni Enemalta teċċepixxi l-litis pendentia ai termini tal-Artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu li din il-kawża ġiet institwita wara kawża oħra rikors Numru 286/2012/AF fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Tek Moulds Precision Engineering Limited skond il-Liġi u l-polza (Claim Numru 111675) vs Asfaltar Limited u b'digriet tal-21 ta' Mejju ġiet kjamata fil-kawża l-Korporazzjoni Enemalta* (qed tiġi esebita kopja taċ-ċittazzjoni u risposta Numru 286/2012/AF immarkati KE2) liema kawża hija bejn l-istess partijiet u t-talbiet attriċi f'din il-kawża u t-talba attriċi fil-kawża l-oħra t-tnejn huma bbażati fuq allegat danni sofferti waqt xogħlijiet ta' trenching, fl-istess post, fl-istess data u bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu u għalhekk qed jippruvaw joħolqu konfużjoni kemm fil-proċeduri kif ukoll jiftħu l-possibilta ta' ġudikati differenti u/jew konfliġenti fuq l-istess mertu u proprju għalhekk li teżisti l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* fejn il-kawża li tkun ġiet intavolata l-aħħar tintbgħat quddiem il-Qorti li tkun qed tisma' l-ewwel kawża.

3. Illi sussidjarjament għall-aħħar eċċezzjoni riportata hawn fuq, u mingħajr preġudizzju għall-istess, ix-xogħlijiet in kwistjoni ġew inkarigati kompletament mill-Awtorita` tat-Trasport skond Permit Registration Number 0950/2010 liema permess huwa anness u mmarkat bħala "Dok KE3" u għalhekk l-allegati ħsarat seħħew totalment lil hinn mill-kontroll li kellha jew seta' kellha l-Korporazzjoni Enemalta u għalhekk, għall-ekonomija tal-

ġudizzju, l-Awtorita` tat-Trasport Malta għandha tiġi kjamata f'din il-kawża sabiex twieġeb għal għemilha partikolarment fil-konfront tas-soċjeta` attriċi;

4. Illi fuq il-mertu, u sussidjarjament għas-suċċepit u mingħajr preġudizzju, anke jekk din il-Qorti tqis illi s-soċjeta` attriċi għandha interess ġuridiku f'din il-kawża, dawn l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda in kwantu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi;

6. Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess attriċi minn issa nġunta in subizzjoni.

Il-fatti kif magħrufa u konfermati bil-ġurament ta' Eric Montfort huma s-segwenti u mhux fattwalment korretta l-verżjoni tal-fatti mogħtija fir-rikors promotur.

F'dan is-sens il-Korporazzjoni Enemalta tiddikjara li bir-rispett:

1. Illi s-soċjeta` attriċi Tek Moulds Precision Engineering Limited għandha polza ta' assikurazzjoni mas-soċjeta` GasanMamo Insurance Limited li tissejjaħ 'Industrial All Risks' li tkopri l-proprjeta` BLB012, Bulebel Industrial Estate, Żejtun kif ukoll il-kontenut tal-istess fond. Skond id-dikjarazzjoni tas-surroga u l-ħlas minn GasanMamo Insurance Limited lil Tek Moulds Limited, is-soċjeta` assikuratriċi, *ipso jure* ssurogat ruħha fid-drittijiet tas-soċjeta` attriċi.

Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni hu kuntratt *sui generis* bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tieħu riskju minflok l-assigurat tagħha u persuna li tkun assigurata titħallas jew tad-dannu jew għas-somma miftiehma. Il-Liġi tagħna tikkontempla l-ħlas bis-surroga u l-qrati tagħna sostnew illi ġialadarba d-ditta tal-assigurazzjoni għamlet tajjeb għad-danni konsegwenzjali għall-inċident u ħallsithom, kif kienet obbligata li tagħmel skond il-kuntratt tal-assigurazzjoni, allura abbażi tal-liġi s-surroga tal-assigurat saret *ipso iure* u għalhekk hekk kif sar dan il-ħlas mis-soċjeta` tal-assigurazzjoni lill-assigurat, l-assigurat tilef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawżat id-dannu u kwindi d-drittijiet kollha tal-assigurat, inkluż għalhekk id-dritt tiegħu tal-azzjoni, jgħaddu a favur tal-assigurazzjoni. Illi hija biss bil-ħlas illi ssir is-surroga u b'din is-surroga l-assigurazzjoni takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga.

Għaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni sostenzjali u proċesswali tad-danneġġjat di fronte għad-danneġġjant. Kif fil-fatt għamlet.

2. Illi kif dikjarat fil-paragrafu 3 tar-rikors promotur, is-soċjeta` konvenuta Asfaltar Limited kienet qed twettaq xogħlijiet ta' *trenching* biswit is-sit bl-indirizz BLB012, Bulebel, Industrial Estate Żejtun u dawn ix-xogħlijiet kienu jikkonsistu fi skavar u tħaffir neċessarju għar-*Road works* u liema xogħlijiet ġew inkarigati kompletament mill-Malta Transport Authority skond Permit Registration Number 0950/2010 liema permess huwa anness u mmarkat bħala "KE3";

3. Illi fis-sitta (6) ta' Lulju 2011, seħħ incident li fih intlaqgħtet *cable* tal-elettriku u konsegwentement inqatgħet il-provvista tal-elettriku fil-fabbrika tas-soċjeta` Tek Mould, liema qtugħ tal-provvista tal-elettriku allegatament kkawżat ħsarat sostanzjali fil-makkinarju tas-soċjeta` attriċi;

4. Illi kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, is-soċjeta` konvenuta Asfaltar Limited ġiet informata mill-Korporazzjoni Enemalta fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet, liema xogħlijiet ma kinitx bl-ebda mod responsabbli għall-esekuzzjoni jew sorveljanza l-Korporazzjoni Enemalta iżda l-Malta Transport Authority, kien hemm *cable* tal-elettriku għaddej u l-konvenut Asfaltar kien avżat f'dan is-sens;

5. Illi fil-fatt, il-Korporazzjoni Enemalta marret oltre l-obbligi tagħha billi malli ġiet infurmata bil-proġett in kwistjoni bagħtet impjegat Lewis Cachia fuq is-sit biex jimmarka eżattament minn fejn u sa fejn kien għaddej il-cable skond pjanti tal-lokazzjoni preċiżi tal-cables u dan skond l-Incident Report (anness u mmarkat bħala Dok "KE42).

6. Illi l-Korporazzjoni Enemalta m'għandiex l-obbligu li tissorveja b'mod kostanti l-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet, speċjalment jekk dawn ix-xogħlijiet ma ġewx ikkomisjonati mill-Korporazzjoni stess. Il-Korporazzjoni għandha l-obbligu biss li tassigura li l-plot ikun mmarkat b'sinjali ċari ta' fejn u sa fejn għaddejin il-*cables* kif fil-fatt sar mill-espert Lewis Cachia;

7. Illi l-Korporazzjoni tal-Enemalta tista' tinsab responsabbli biss jekk tkun naqset milli tagħmel xi ħaġa li biha tikser xi dmir impost mil-Liġi u minn imkien ma tirriżulta xi liġi li kienet timpani xi obbligu fuqha. Anzi l-Korporazzjoni Enemalta mxiet skond l-obbligi tal-Liġi billi nfurmat lill-konvenut Asfaltar

Limited li fit-triq kien għaddej cable. Informazzjoni li kienu korretta u kif indikat fil-pjanti tad-dipartiment;

8. Illi l-Koporazzjoni Enemalta ma jista' jkollha ebda repsonsabbilta diretta jew indiretta għad-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi għaliex hi ċertament ma kellha l-ebda interess fix-xogħol esegwit mill-konvenut Asfaltar u l-Malta Transport Authority. Huwa ċar illi din il-cable intlaqtgħet minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-liġi u tar-regolamenti relevanti mill-ħaddiema mqabbda mill-konvenuti Asfaltar Limited biex jeżegwixxu x-xogħlijiet;

Illi, di piu, il-Korporazzjoni soffriet id-danni minħabba li l-*cable* maqtugħ huwa materjalment prorpjeta` tal-Korporazzjoni kif ġa ġie rraportat minn Mario Carabott fl-għassa tal-Pulizija fiż-Żejtun fl-istess data tal-inċident u ċioe` 6 ta' Lulju 2011 (kif indikat fl-Incident Report KE4) u għalhekk bl-ebda mod ma kkontribwiet bl-aġir tagħha għall-akkadut u ta' dawn il-ħsarat il-Korporazzjoni Enemalta ħa tieħu passi legali għall-ħlas għad-danni.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2014 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u wara li ddikjarat il-konnessjoni tal-kawżi, bgħatet l-atti ta' din il-kawża lil din il-Qorti kif preseduta sabiex din il-kawża tiġi mismugħa u deċiża flimkien mal-kawża bin-numru 286/12 fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Ltd vs Asfaltar Ltd et**.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2014 il-Qorti ddekretat illi l-provi kollha mressqa fl-atti tal-kawża bin-numru 286/12 fl-ismijiet **Gasan Mamo Ltd vs Asfaltar Ltd et** għandhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawża tittratta talba għad-danni naxxenti minn telf ta' qliegħ għaż-żmien kollu illi parti mill-fabbrika li minnha topera s-soċjeta' rikorrenti ma setgħetx topera kawża ta' ħsarat li ġġarrbu konsegwenza ta' incident li seħħ fis-6 ta' Lulju 2011 meta l-*cable* tal-elettriku li jissupplixxi lill-istess fabbrika ġie milqut waqt xogħol ta' skavar fil-parti tat-triq quddiem l-istess fabbrika. Ir-rikorrenti talbet għalhekk lill-Qorti ssib lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-akkadut, tillikwida d-

danni mġarrba mir-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas id-danni likwidati inkluż l-imgħaxijiet legali.

Is-soċjeta' intimata Asflatar Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa '**Asfaltar**') laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti billi ċaħdet kull tip ta' responsabbilita' attribwita lilha għall-akkadut u saħqet illi hija l-intimata l-oħra u cioe Enemalta plc ġja magħrufa bħala l-Korporazjoni Enemalta (minn issa 'l quddiem imsejjħa '**Enemalta**') li hija responsabbli għall-inċident stante illi ma ndikatx korrettement minn fejn kien għaddej il-*cable* illi ntlaqat.

Enemalta wieġbet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi eċċepiet in primis illi r-rikorrenti m'għandiex interess ġuridiku illi ssegwi din il-kawża għaliex hija diġa ġiet kumpensata mill-assikuratriċi tagħha Gasan Mamo Insurance Ltd li min-naħa tagħha tat bidu għall-kawża bin-numru 286/12 AF fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Tek-Moulds Precision Engineering Ltd skont il-Liġi u l-polza (Claim number 111675) vs Asfaltar Ltd u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2013 ġiet kjamata fil-kawża l-Korporazzjoni Enemalta**.

Enemalta eċċepiet ukoll il-konnessjoni tal-kawżi a tenur tal-Artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema eċċezzjoni ġiet sorvolata b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Jannar 2014.

Enemalta eċċepiet ukoll illi hija Transport Malta li ordnat illi jsiru x-xogħolijiet li kkawżaw l-inċident u talbet għalhekk il-kjamat in kawża tagħha. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolota billi fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2015 Enemalta rrinunzjat għall-kjamat in kawża ta' Transport Malta.

Enemalta plc eċċepiet ukoll illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati.

Mill-provi in atti jirriżulta li fis-6 ta' Lulju 2011 waqt li kienu qegħdin isiru xogħolijiet ta' skavar fiż-żona ndustrijali ta' Bulebel senjatament f'dik il-parti tat-triq quddiem il-fabbrika ta' Tek-Moulds Ltd, inqata' *cable* tal-elettriku u konsegwentement inqatgħet ħesrem il-provista tal-elettriku. Dan l-inċident ġie rrapurtat lill-Pulizija Eżekuttiva li aċċediet fuq il-post u ħadet il-verżjoni ta' dawk preżenti. Mhux kontestat illi seħħ dan l-inċident konsegwenza ta' liema Tek-Moulds damet għal diversi siegħat mingħajr provvista tal-elettriku u ġarrbet ħsarat konsiderevoli f'uħud mill-makkinarju tagħha.

B'sentenza ta' llum stess fl-atti tal-kawża bin-numru 286/12AF fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Ltd vs Asfaltar Ltd et, il-Qorti ddeċidiet illi hija Enemalta plc illi hija responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u li għalhekk ikkundannatha tirriżarċixxi lil Gasan Mamo Insurance Ltd is-somma ta' €55,949.58 li minnhom is-

somma ta' €51,954 tirrappreżenta l-ammont li tħallas lil Tek-Moulds għad-danni minnha mġarrba waqt illi s-somma ta' €3,995.58 tirrappreżenta spejjeż inkorsi mill-assikuratriċi fil-ħatra tal-esperti minnha nkarigati sabiex jassistuha.

In vista tad-deċiżjoni tagħha fil-kawża bin-numru 286/12 il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet sollevati minn Asfaltar Limited.

Ġaladarba l-Qorti diġa tat id-deċiżjoni tagħha rigwardanti l-ħtija għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u tenut kont tal-fatt illi l-vertenza odjerna tittratta speċifikament telf ta' qliegħ konsegwenza tal-ħsarat li ġarraf il-makkinarju tas-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti m'hijiex ser tqis aktar il-kwistjoni tar-responsabbilta` għall-akkadut. Tagħmel pjena referenza għal dik is-sentenza.

Qabel tinoltra fil-mertu tal-vertenza odjerna l-Qorti sejra tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimata Enemalta plc rigwardanti l-interess ġuridiku tar-rikorrenti. Fil-fehma ta' Enemalta, l-interess ġuridiku tar-rikorrenti huwa karenti ġaladarba taħt il-polza tal-assikurazzjoni *Industrial All Risks Policy* r-rikorrenti ġiet rimborsata għall-ħsarat minnha mġarrba. Il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi għar-raġuni li kif dikjarat mir-rikorrenti stess fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2013 din il-kawża ma tittrattax il-kwistjoni ta' riżarċiment għall-ħsarat minnha mġarrba u għat-tiswija tal-magni affettwati iżda hija pretensjoni dwar telf ta' qliegħ għaż-żmien li parti mill-fabbrika ma setgħetx topera. Ma jirriżultax li dan it-telf, jekk kien hemm telf, ġie riżarċit mill-assikurazzjoni. Tqis għalhekk illi waqt illi r-rikorrenti għandha l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex issegwi din il-kawża, għandhiex jew le raġun fil-mertu hija kwistjoni oħra li għad trid tiġi determinata.

Fil-mertu, il-kwistjoni odjerna tinvolvi danni akwiljani. Il-kriterji għal din ix-xorta t'azzjoni jitnisslu mil-liġi stess. L-Artikolu 1031 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*"[1]. L-Artikolu 1032(1) tal-Kap 16 imbgħad jistabbilixxi illi huwa fi htija kull min jonqos milli juża l-prudenza, l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Imbagħad, l-artikolu 1033 jipprovdi li kull min "*bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi*" huwa obbligat li jirriżarċixxi d-danni[2]. Il-frażi "*dmir impost mil-ligi*" għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal kull tip ta' ksur ta' xi liġi jew dover li l-liġi timponi fuq persuna f'ċirkostanzi speċifiċi. Dan l-obbligu huwa bbazat fuq il-massima legali *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ae quae non fecit*[3].

[1] Ara: **Michael D'Amato noe vs Filopmena Spiteri et**, Qorti Civili Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003

[2] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

[3] **Emanuel Zammit noe et vs Charles Polidano noe et**, Qorti Civili, Prim'Awla, 27 ta' Mejju 2010

Kif diġa ingħad, it-talba tar-rikorrenti hija għal telf ta' qliegħ li allegatament ġarrbet meta parti mill-fabbrika kienet inoperattiva sakemm issewwew il-magni li ġġarrfu kawża tal-inċident illi seħħ fis-6 ta' Lulju 2011. Ir-responsabbilita` ta' Enemalta għal dak li ġara diġa` ġiet stabbilita ġudizzjarjament. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni ta' riżarċiment tad-danni ulterjuri li setgħu ġew ikkawżati.

Il-Qorti tirreferi għall-Art. 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi testwalment:

> "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

L-Art. 559 imbagħad jipprovdi:

> "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjarprova li l-parti tista' ġġib."

Huwa miżmum ukoll illi "il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita għad-danni ma jfissirx neċessarjament li d-danni tassew jeżistu. Jaggrava dejjem fuq il-kreditur tal-obbligazzjoni li jipprova l-eżistenza u l-entita` tad-danni li hu jallega li sofra" (Xuereb vs Xuereb – 30 ta' Ġunju 2005).

Kevin Busuttil li huwa s-sid ta' Tek-Moulds xehed illi fiż-żmien rilevanti s-soċjeta' rikorrenti kienet tħaddem 14-il impjegat u kienet tagħmel użu minn 7 magni fil-produzzjoni tal-prodott tagħha. Huwa xehed illi dak inhar tas-6 ta' Lulju 2011 id-dawl inqata' għall-ħabta ta' nofs inhar u l-magni waqfu jaħdmu ħesrem. Għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar huwa bagħat lill-ħaddiema d-dar peress illi *high tension cable* li ntlaqat ried il-ħin sabiex jissewwa. Fil-fatt kompla jixhed illi l-provista tal-elettriku ġiet lura dak inhar stess għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija. Dak il-ħin stess, fil-preżenza tas-*surveyor* James Magri maħtur minn Gasan Mamo Insurance Limited, huwa xegħel il-magni u minnufih deher evidenti li tlett magni u cioe magna tad-ditta Mitsubishi bil-mudell numru FX10, magna oħra tad-ditta Mitsubishi bil-mudell numbru EA8 u magna oħra tad-ditta Ingersol kienu ġarrbu ħsarat. Huwa xehed illi dawn it-tlett magni huma essenzjali fil-produzzjoni tal-prodotti illi timmanifattura r-rikorrenti.

Busuttil xehed illi l-ħaddiema daħlu lura għax-xogħol l-għada u cioe fis-7 ta' Lulju 2011 mdanakollu, peress li ma setgħux iħaddmu t-tlett magni li ssemmew aktar il-fuq, dawn il-ħaddiema ngħataw xogħol manwali. Issokta jgħid illi konsegwenza tal-ħsarat imġarrba x-xogħol waqa' lura u dan ikkawża dewmien fil-konsenja tal-prodott finali lill-klijenti tar-rikorrenti. In kontro-eżami xehed illi għalkemm il-konsenja saret b'mod tardiv huwa xorta waħda tħallas tax-xogħol. Huwa jgħid li l-kumpanija tilfet valur ta' €26,370.

Busuttil xehed illi l-ammont minnu pretiż huwa fis-somma ta' €26,370. Flimkien ma' Louis Attard, *accountant* tas-soċjeta' rikorrenti li ukoll xehed f'dawn il-proċeduri, waslu għall-kalkolu illi kull magna taħdem għal erbgħa u għoxrin siegħa sħaħ għal sebat'ijiem fil-ġimgħa. Ikkonkludew illi kull magna ttella' b'€45 xogħol fis-siegħa. Louis Attard spjega li din hija r-rata li r-rikorrenti żżomm lill-klijenti tagħha. Kompla jispjega illi l-profitt tar-rikorrenti huwa ta' 15% mill-imsemmija rata u cioe is-somma ta' €6.75. Għalhekk ir-rikorrenti tikkalkula illi fir-rigward tal-magni Mitsubishi li damu weqfin sal-14 ta' Lulju 2011 ir-rikorrenti ġarrbet telf fis-somma ta' €14,580 waqt illi fir-rigward tal-magna Ingersol li damet wieqfa sal-21 ta' Lulju 2011 ġarrbet telf fis-somma ta' €12,150.

Il-Qorti tosserva illi għalkemm Kevin Busuttil obbliga ruħu li jġib provi konkreti dwar l-allegat telf din il-prova baqgħet qatt ma saret għaliex kif xehed huwa stess fl-aħħar kontro-eżami tiegħu, ma kellux dokumentazzjoni x'jipproduċi f'dan ir-rigward.

Il-Qorti rat ukoll illi l-ammont pretiż huwa msejjes fuq kalkolu soġġettiv li għamel l-*accountant* tar-rikorrenti. Imkien mill-provi ma jirriżulta li r-rikorrenti ġarrbet it-telf minnha allegat. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tax-xhieda ta' Kevin Busuttil illi xehed illi r-rikorrenti, għad illi tardiva fil-konsenja, xorta waħda tħallset tax-xogħol illi wettqet u kkonsenjat. Qieset ukoll ix-xhieda tal-istess Busuttil meta qal li l-ħaddiema rritornaw lura għax-xogħol l-għada stess li seħħ l-inċident u għalkemm ma setgħux iħaddmu l-magni xorta waħda sabilhom xogħol manwali x'setgħu jagħmlu. Ma jirriżultax għalhekk illi l-ħaddiema għamlu xi ġranet wieqfa sakemm issewwew il-magni. Dak li jirriżulta huwa biss li dak inhar tal-inċident de quo l-ħaddiema waqfu jaħdmu f'nofsinhar hekk kif inqata' d-dawl biss anki f'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ma tirriżulta ebda prova dwar kemm siegħat ta' xogħol intilfu dakinhar.

Il-Qorti tasal għall-fehma li għalkemm ġiet imxekkla fil-produzzjoni, r-rikorrenti ma ġarrbet ebda telf ta' qliegħ. Lanqas ma nġabet ebda prova li kawża tal-inċident ixxellfet ir-reputazzjoni ta' TekMoulds mal-klijenti attwali u prospettivi tagħha. Għalhekk m'hemmx lok illi t-talbiet tagħha jiġu milqugħa.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet sollevati minn Asfaltar Limited in vista tad-deċiżjoni tagħha ta' llum stess fil-kawża bin-numru 286/12 fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Ltd vs Asfaltar Limited et.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata Enemalta plc stante illi dawn ġew sorvolati fil-mori tal-kawża.

Tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni tal-intimata Enemalta plc.

Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

IMĦALLEF

DEPUTAT REĠISTRATUR